MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 386/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**

**Charlo' Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. fit-3 ta' Gunju, 2006 u fi zminijiet ta' qabel, fil-Hamrun u f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn LM1000 bi hsara ta' Nazzareno Falzon.

2. fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku w pubbliku jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

3. fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

4. fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn LM1000, minn vettura numru TFA 317 u minn vettura numru FBM515 li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' Nazzareno Falzon.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 t'Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 183, 184, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha hekk kif dedotti kontrih u ghaldaqstant illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati

ta’ l-ewwel, it-tieni w it-tielet imputazzjonijiet migjuba kontrih, u tirrevokaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mir-raba’ imputazzjoni w minflok issibu hati tar-raba’ imputazzjoni w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali kienu, fil-qosor, is-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tillibera lill-appellat mir-raba' imputazzjoni stante li l-elementi kollha rikjesti mill-ligi dwar id-delitt kontemplat fl-art. 293 tal-Kodici Kriminali, kif aggravat bl-artikolu 18 u 294 jissussistu. Il-karozza Mazda kienet fdata lill-appellat u din hu partatha ma vettura ohra li mbaghad, a sua volta, regghet giet impartha mill-appellat mat-tielet vettura. L-appellat ma kellux awtorizzazzjoni biex jaghmel dan minn Nazzareno Falzon. It-tieni element tad-*dolo* jirrizulta ukoll tant li zamm is-somma ta' LM300 meta partat il-karozza l-ewwel darba w rega' ghamel l-istess bil-LM200 li rceva meta partat it-tieni karozza. Jirrizulta t-tielet element kontemplat fl-artikolu 294 ta' s-*"servizz tieghu",*ghax l-appellat kien assuma r-rwol ta' badanti ta' Nazzareno Falzon li dak iz-zmien ma kellu lill-hadd min jiehu hsiebu. Ghalhekk l-appellat kellu jinstab hati tar-raba' imputazzjoni.

Rat il-verbal tal-10 t' April, 2008, li bih il-*parte civile* Nazzareno Falzon iddikjara li kien qed jaccetta l-offerta li saritlu seduta stante ta' LM2500, ekwivalenti ghall-Ewro 5825 pagabbli fi tlitt rati mensili, l-ewwel pagament ta' Lm1000 mhux aktar tard mill-10 ta' Mejju, 2008, it-tieni ta' LM1000 mhux aktar tard mill-10 ta' Gunju, 2008, u t-tielet pagament ta' LM500 mhux aktar tard mill-10 ta' Lulju, 2008 u li bih Dr. Nadine Sant ghall-prosekuzzjkoni rrimettiet ruha dwar dan l-arrangament bejn l-appellant u l-*parte civile* .

Rat ir-ricevuti tal-ewwel u tat-tieni pagamenti esebiti minn Dr. Veronique Dalli ghall-appellant fl-udjenzi tal-15 ta' Mejju, 2008 u tat-12 ta' Gunju, 2008, rispettivament.

Rat id-depozizzjoni tal-*parte civile* Nazzareno Falzon moghtija fl-udjenza tat-12 ta' Gunju, 2008, fejn iddikjara bil-gurament li, jekk jidhol it-tielet pagament, hu ma jinsistix ghall-piena karcerarja f' dan l-kaz u li, ghal dak li jirrigwarda lilu, jahfer lill-appellant.

Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni, in vista ta' din id-depozizzjoni, rrimetta ruhu dwar il-piena.

Rat in-nota tal-appellat tat-30 ta’ Lulju, 2008 li biha esebixxa kopja ta’ cedola w ricevuta relattiva sabiex juri lill-Qorti li huwa hallas dak kollu minnu pattwit a saldu.

Rat l-istess cedola u r-ricevuta tal-ispejjez.

Semghet ix-xhieda tal-parti leza Nazzareno Falzon fis-seduta tallum fejn dan iddikjara li l-appellat mhux veru li huwa hallas iz-zewg ammonti ta’ elfejn lira li kellhom jithallsu f’Mejju u Gunju 2008 u li hu kien iffirma dawn ir-ricevuti ghax kien gie mhedded mill-appellat. Spjega wkoll illi meta kienu jmorru fl-ufficju tal-Avukat Dalli l-Hamrun, kienu jitilghu huh Joseph Falzon u l-appellat fuq umbaghad inizzlulu karta biex hu jiffirma isfel peress li ma setax jitla’ t-tarag u hu kien jiffirmha.

Hu il-Parte Civile Joseph Falzon ikkorroborah billi xehed li huh qatt ma rcieva flus kontanti w ghalkemm kien jiffirma r-ricevuti hu ma thallasx l-ammonti li kienu gew miftehma u lill-avukatessa Veronique Dalli meta kienu jitilghu fuq hdejha fl-ufficju hu w l-appellat u jghidulha li l-hlas mensili kien sar dan ma kienx ikun minnu.

Ian Saviour Falzon li jigi n-neputi tal-parti leza wkoll xehed li kien akkumpanja lil zijuh u lil missieru darbtejn fl-ufficju tal-Avukatessa Dalli fil-Hamrun u fiz-zewg okkazjonijiet zijuh ma kien ircieva ebda flus minghand l-appellat.

Dottoressa Dalli xehedet li fil-fatt minkejja li hi kienet tiffirma l-ircevuti esebiti dan kienet taghmlu biss bhala xhud tal-firem u mhux ghax rat il-flus jghaddu minn id l-appellat ghal id il-parti leza. Fil-fatt flus jghaddu minn id ghal id hi qatt ma rat.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi minnkejja li din il-Qorti ghamlet minn kollox biex twassal ghall-kompozizzjoni sodisfacenti bejn l-appellat u l-parte civile bil-hlas ta' ammont li gie offrut mill-appellat u accettat mill-parte civile, u minkejja li nghatat l-impressjoni li l-appellat hallas l-ewwel zewg skadenzi ta' elf lira l-wahda kif gia fuq intqal, il-Qorti wara d-deposizzjonijiet fuq riprodotti llum ma hix konvinta lanqas sal-grad tal-probabbli li dawn iz-zewg pagamenti ta’ elfejn lira li suppost kienu thallsu f’Mejju u Gunju, 2008 fil-fatt kienu thallsu. Inoltre jirrizulta bl-aktar mod car li l-ammont bilancjali ta’ Lm500 li kellu jithallas sat-12 ta’ Lulju, 2008 baqa’ ma thallasx entro t-terminu pattwit u fil-fatt gie depozitat biss fil-Qorti l-bierah 30 ta’ Lulju, 2008.

Ghalhekk jidher illi l-appellat ma mexiex mal-ftehim li kien intlahaq fis-seduti precedenti u li kien il-bazi ghall-komposizzjoni tal-vertenza bejn l-appellat u l-parti leza. Fic-cirkostanzi ghalhekk ir-rinunzja tal-azzjoni kriminali kondizzjonata ma kellha ebda effett u din il-Qorti riedet tiddeliba w tiddeciedi l-mertu tal-appell.

Ikkonsidrat;

Illi l-appell tal-Avukat Generali jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti w li wassalha biex tiddeciedi li l-appellat ma kienx hati tar-raba' imputazzjoni wkoll.

Illi trattandosi ta' apprezzament tal-fatti, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz

ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991]; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .) Dan s' intendi, kif gie ukoll ripetutament deciz, japplika ugwalment ghall-appelli ntavolati mill-hati kif ukoll mill-Avukat Generali.

Fil-kaz in ezami l-motivazzjoni effimera ghall-liberazzjoni li semmiet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet testwalment is-segwenti :-

"*L-unika referenza ghal xi kommissjoni ta' reat, ironikament, tinsab fl-istqarrija, lejn l-ahhjar parti taghha, fejn l-imputat iddikjara li lest irodd lura l-prezz ta' LM9000.00 (disat elef lira maltin) fuq il-biegh tal-vettura, u dan ghar-rigward tar-raba' imputazzjoni, izda ma giet prodotta ebda prova ta' trasferiment jew biegh ta' vettura li kienet proprjeta' tal-vittma* (Sic!)."

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-motivazzjoni w thoss li hija manifestament zbaljata. Ma hemm xejn ironiku filli l-appellat, li hu konxju li approprja ghalih il-proventi jew parti minnu tal-biegh ta' fond tal-parti leza w tat-tpartit tal-vetturi sussegwenti, li joffri li jregga lura l-ammont ta' LM9000 li kien parti mil-korrispettiv tal-biegh ta' fond li pero' ma thallasx fi flus kontanti imma billi l-parti leza suppost li akkwista karozza Mazda. Din il-

Mazda pero' qatt ma giet registrata f' isem il-parti leza kif jammetti l-istess appellat (li kien ha hsieb it-transazzjoni mill-bidu sal-ahhar anki minnhabba d-dizabilita' fizka tal-parti leza) imma fuq missier l-appellat. Wara xi zmien l-appellat partat din il-vettura ma vettura ohra w sahansitra zamm ammont ta' flus li thallas lilu bhala ekwiparazzjoni. L-istess rega' gara bl-ekwiparazzjoni li thallset meta din it-tieni vettura giet impartha ma ohra. Il-parte leza f' kull kaz baqa' b' xiber imnieher u ma ppercepixxa xejn minn dawn it-tlitt transazzjonijiet li saru bi flusu w a skapitu tieghu. Certament li f' dawn it-transazzjonijiet ripetuti kondotti mill-appellat kien hemm il-figura ta' reat ta' approprjiazzjoni indebita kontemplata fir-raba' imputazzjoni skond l-art. 293 tal-Kodici Kriminali dedotta kontra l-appellat u tar-reat kontinwat.

Apparti li t-transazzjonijiet fuq imsemmija kollha rrizultaw li saru kif johrog mix-xiehda ta' Reuben Azzopardi (fol. 65 et seq.), mill-att notarili ta' biegh tal-fond esebit, (fol. 74 et seq.) u mix-xiehda ta' Paul Muscat (Fol. 77 et seq.) u mhux kontestati mil-istess appellat, l-offerta li ghamel l-appellat fl-istqarrija tieghu ghandha titqies bhala l-**prova regina** tal-htija tieghu fir-rigward tar-raba' imputazzjoni.

Di fatti, ghad-domanda tal-Ispettur Cordina :-

*"Issa jidher li l-Mazda li suppost kellu jgawdi minnha Rene'* (il-parte civile*) int qbadt u bieghhejtha w cahhaddthu minnha. X' ser taghmel dwar dan?"*

l-appellat wiegeb:-

**"Lest li nhallsu lura d-LM9000 tal-karozza. Jien ma nistax intihomlu f' daqqa izda bil-mod bil-pagamenti."**

Din, fil-fehma ta' din il-Qorti, tikkostitwixxi l-akbar ammissjoni li seta' jaghmel l-appellat li hu kien approprja ruhu mill-karozza Mazda li suppost kienet inghatat lill-parti leza minn Reuben Azzopardi bhala parti mill-prezz *"in kind"* tal-biegh tal-fond 118, Triq Zerafa, Marsa. Ma hemm xejn ironiku f' dan. Din hi ammissjoni skjaccanti w l-Ewwel Qorti jidher li ma afferatx il-portata taghha w

konsegwentement iddecidiet manifestment b' mod zbaljat meta, nonostante din l-ammissjoni, lliberat lill-appellat minn din ir-raba' imputazzjoni.

Ghalhekk f' dan il-kaz l-apprezzament tal-fatti kien erronju w zbaljat b' mod lampanti w din il-Qorti trid bil-fors tiddisturba tali apprezzament ghaliex legalment u ragjonevolment ma jreggix.

Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali fuq is-sejbien ta' htija taht l-artikolu 293 jidher ben fondat u qed jigi milqugh.

Mhux l-istess pero' ghar-rigward tac-cirkostanzi agravvanti kontemplati fl-artikolu 294, ghaliex din il-Qorti mhux sodisfatta li jirrizultaw l-ipotesijiet kontemplati f' dan l-artikolu jew uhud minnhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatt li l-appellat kien speci volontarjament indahal biex jghin lill-parte civile ghax dan kien dizabilitat ma jirrendihx necessarjament li f' dak li ghamel kien qed jagixxi "minhabba…l-kariga jew servizz tieghu" kif qed jipprospetta l-Avukat Generali, fir-rikors tal-appell.

Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali in kwantu jirrigwarda l-applikabilita' tal-artikolu 294 qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-appellat u tara li jkun aktar opportun li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 23A u 23H tal-Kodici Kriminali minnflok tapplika piena karcerarja effettiva, u dana fl-interess tal-istess Parte Civile.

Rat illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti laqghet l-appell tal-Avukat Generali limitatament billi rriformat s-sentenza appellata, billi kkonfermatha in kwantu lliberat lill-appellat mill-ewwel, mit-tieni w mit-tielet imputazzjoni kif ukoll mill-aggravanti inkluz fir-raba imputazzjoni w cioe' *"minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju"* u rrevokatha in kwantu ma sabitux hati w illiberatu mir-raba imputazzjoni w minnflok, wara li rat l-artikoli 293 u 18 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellat hati talli b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess dispozizzjoni tal-ligi w li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda, approprja ghalih is-somma ta' aktar minn elf lira Maltin (LM1000) ekwivalenti ghall elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u seba' w tletin centezmu, (Ewro 2329.37c), minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni TFA 317 u minn vettura numru FBM 515, li gew fdati jew ikkunnsinnati lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ghad-detriment ta' Nazzareno Falzon, u kkundannatu ghall-piena ta' tmintax -il xahar prigunerija, b' dana li s-sentenza ma kellhiex tibda' ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' erba (4) snin mill-lum, l-appellat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre, a tenur tal-artikolu 28H, din il-Qorti ordnat u tat direttiva li biha obbligat lill-appellat li jirrestitwixxi lill-Nazzareno Falzon l-ammont ta' ghoxrin elf, disa’ mija u erbgha u sittin Ewro punt sitta u tletin centezmu tal-Ewro ekwivalenti ghal disat elef lira Maltin (Lm9,000) bhala kumpens ghall-appropjazzjoni indebita li hu kkommetta w dan fi zmien xahar minn dak in-nhar, b’dana li jekk l-appellat jonqos li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva tal-hlas, din il-Qorti rrizervat li, fuq rikors mahluf ta' Nazzareno Falzon, u wara li tisma' lill-partijiet skond il-ligi, tordna li din is-sentenza sospiza tibda ssehh.

Il-Qorti kienet ukoll spjegat lill-appellat bi kliem car ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-artikoli 28B u 28H.

Fl-ahharnett il-Qorti gibdet l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligi tieghu skond l-
art. 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors mahluf ta’ Nazzareno Falzon tas-16 ta’ Dicembru, 2008 li bih huwa nforma lill-Qorti illi l-appellat baqa’ inadempjenti fil-hlas tieghu.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Dicembru, 2008 li biha appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-lum.

Rat illi fis-seduta tal-lum Joseph Falzon, li jiehu hsieb l-affarijiet ta’ huh Nazzareno Falzon li huwa mmankat, u li

fit-temp atroci tal-lum ma setax jigi l-Qorti, kkonferma bil-gurament li l-appellat ma hallas xejn minn dak li ilu ordnat.

Semghet id-dikjarazzjoni tal-istess appellat illi ddikjara li ghadu ma hallasx l-ammont li din il-Qorti ordnatlu jhallas, pero' talab zmien izjed ghall-hlas.

Peress illi din il-Qorti mhix sodisfatta li, anke jekk jinghata zmien izjed ghall-hlas l-appellat ghad jista' jasal biex iwettaq l-obbligu tieghu, w peress li ma tarax li ghandha terga' taghti xi opportunita' ohra oltre dik lilu moghtija bis-sentenza fuq imsemmija tal-31 ta' Lulju, 2008, tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza tal-31 ta' Lulju, 2008, u peress li hu naqas li jikkonforma ruhu mad-direttiva taghha moghtija bis-sahha tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, wara li rat is-subartikolu (5) tal-istess artikolu, tordna illi l-piena ta' tmintax (18) -il xahar prigunerija sospiza ghandha tibda ssehh minnufieh.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------